MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 147/2010

**Go plc**

**vs**

**Mobilja Gauci Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-30 ta’ April 2010, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ hamest elef u tmien mitt Ewro w wiehed u tmenin centesmu (€5800.81) rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma’ diversi servizzi telefonici bin-numru 21826350 (AC 10035857) u 21806163 (AC 10031833 (AT 1268/73) skond kif jirrizulta mill-annessi Dok. A u Dok. B li huma prospetti, w kopji ta’ ftehim relattivi hawn annessi w immarkati Dok. B u C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti w tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, w bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Illi fis-seduta tat-13 t'Ottubru 2010 is-socjeta' rikorrenti pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-6 t'April 2011 deher Dr. Albert Zerafa li pprezenta nota t'ammissjoni ffirmata minn Dr. Robert Abela fejn iddikjara li s-socjeta' konvenuta qed tammetti it-talba attrici.

Ghaldaqstant issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u tmien mitt Ewro u wiehed u tmenin centesmu (€5800.81) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------